

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 44/2007

tas-27 ta' April 2007

## li temenda l-Anness XIII (It-Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ 'il-Ftehim', u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XIII tal-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 155/2006 tat-8 ta' Diċembru 2006 <sup>(1)</sup>.
- (2) Id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-sigurtà ta' ajruplani minn pajjiżi terzi li jużaw ajruporti tal-Komunità <sup>(2)</sup> ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2005 tat-2 ta' Diċembru 2005 <sup>(3)</sup>, b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2002 dwar regoli komuni fil-qasam ta' l-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni <sup>(4)</sup> ġie inkorporat fil-Ftehim bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 179/2004 <sup>(5)</sup> tad-9 ta' Diċembru 2004, b'adattamenti speċifiċi għall-pajjiż partikolari.
- (4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplementa d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema ta' l-informazzjoni <sup>(6)</sup> għandu jiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) L-adattamenti previsti b'rabta mar-Regolament (KE) Nru 1592/2002 għandhom, fejn applikabbli u sakemm mhux previst mod ieħor, japplikaw *mutatis mutandis* għal leġislazzjoni Komunitarja oħra li tagħti s-setgħa lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni u inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

## Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 66r (id-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"66ra. **32006 R 0768:** Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 768/2006 tad-19 ta' Mejju 2006 li jimplementa d-Direttiva 2004/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sigurtà ta' l-ajruplani li jużaw ajruporti tal-Komunità u l-ġestjoni tas-sistema ta' l-informazzjoni (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16)."

<sup>(1)</sup> ĠU L 89, 29.3.2007, p. 29.

<sup>(2)</sup> ĠU L 143, 30.4.2004, p. 76.

<sup>(3)</sup> ĠU L 53, 23.2.2006, p. 53.

<sup>(4)</sup> ĠU L 240, 7.9.2002, p. 1.

<sup>(5)</sup> ĠU L 133, 26.5.2005, p. 37.

<sup>(6)</sup> ĠU L 134, 20.5.2006, p. 16.

2. It-test ta' adattament li ġej għandu jiżdied fil-punt 66n (ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

“(s) Fejn applikabbli, u sakemm mhux previst mod ieħor, l-adattamenti ta' hawn fuq għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra li tagħti s-setgħa lill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Avjazzjoni u inkorporata f'dan il-Ftehim.”

*Artikolu 2*

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 768/2006 fl-ilsien Iżlandiż u dak Norveġiż, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-28 ta' April 2007, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni ŻEE, u fis-Suppliment ŻEE tal-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' April 2007.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Alan SEATTER

---

(\*) Ebdha rekwiżiti kostituzzjonali m'huma indikati.